MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 498/2007

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C [ C1] D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta’ Novembru 1997 kif jindika c-certifikat anness bhala Dokument A. Wara dan huma izzewgu ukoll bir-rit kattoliku fil-25 ta’ April 1998.

2. Illi dan it-tieni zwieg gja gie dikjarat null mill-Konferenza Episkopali Maltija u dan kif jistghu jindikaw it-tlett dokumenti li qed jigu annessi u cioe' Dok A1 Sentenza definittiva Tribunal tal-Ewwel Istanza, Dok A2 Sentenza tat-Tribunal tat-tieni Istanza u Dok. B Digriet ta' ezekuttivita.

3. Illi l-kunsens kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art 19(1)(d) Kap 255;

4. Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt tal-att taz-zwieg Art 19(1)(f) Kap 255. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut izzewweg pero' ma riedx tfal miz-zwieg u fil-fatt ma riedx lanqas l-elementi l-ohra taz-zwieg. Tant li z-zwieg kanoniku gie annullat fuq il-bazi ta' simulazzjoni parzjali u anke simulazzjoni totali minn naha tal-intimat.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fil-29 ta' Novembru 1997 huwa null ai termini tal-Art 19(1)(d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut huwa ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi l-esponenti m' humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati u s-sentenzi tat-tribunali ekklesjastici;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili taghha kuntrattat fid-29 ta’ Novembru 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dawn huma l-parametri gudizzjarji ta’ l-azzjoni odjerna.

**Fatti**

Illi l-attrici, cittadina maltija, izzewget bir-rit civili lill-konvenut assenti, cittadin franciz, fid-19 ta’ Novembru 1997, u fil-25 ta’ April 1998 huma zzewgu bir-rit kanoniku. Il-hajja matrimonjali taghhom kienet wahda nfelici; u anke minhabba l-istat mentali dipressiv tal-konvent, il-partijiet ma setghux jibnu relazzjoni bejniethom, bir-rizultat li fis-7 ta’ Frar 2002 huma ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

Illi z-zwieg religjuz kien gie dikjarat null mit-Tribunal Metropolitan b’ sentenza moghtija fl-10 ta’ Novembru 2006 li giet kkonfermata mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fis-26 ta’ Ottubru 2007;  u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghaz-zwieg civil li gie kkuntrattat fid-29 ta’ Novembru 1997.  Mill-provi jirrizulta car li l-partijiet izzewgu bir-rit civili, biex isolvu l-problemi dwar il-permess tax-xoghol. Sussegwentement izzewgu bir-rit religjuz u bdew jikkoabitaw flimkien.

Mill-provi jirrizulta car li l-konvenut qatt ma ried tfal minn dan iz-zwieg, lanqas wara z-zwieg bir-rit kanoniku.  L-attrici tghid li wara li huma bdew jghixu flimkien “Farbice made it very clear that he did not want to have children….. From the beginning of married life we always had protected sex.”  Tghid ukoll rigward l-kondizzjoni ta’ l-istat mentali tal-konvenut li “Months before we met, his mother and aunt [had] put him in a mental institution because of

depression. He stayed there for a couple of months, but then signed himself out."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaz-zwieg civili, il-konvenut kien b' att pozittiv tal-volonta' tieghu eskluda l-obbligu tal-prokreazzjoni ta' l-ulied li hu meqjus bhala wiehed mill-obbligi essenzjali ghall-hajja matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta' Novembru 1997. L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut assenti, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------